MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 501/2012

**Anna Vella K.I. 154360(M)**

**vs.**

**Marisa Spiteri K.I. 421572(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665) dovuta mill-konvenuta lill-attrici, rapprezentanti self *brevi manu* li l-attrici tat lil istess konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas fit-terminu ulterjuri koncess mit-Tribunal ghall-prezentata tar-risposta taghha.

Ra illi l-konvenuta dehret quddiem it-Tribunal fis-seduta mizmuma fil-15 ta' Ottubru 2012. Illi fl-istess seduta, it-Tribunal sema lill-konvenuta tixhed bil-gurament fejn hija ammettiet it-talba attrici kif dedotta u kkonfermat li ghandha thallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett ta' tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba ghas-sentenza ghas-seduta odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665), bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta' Lulju 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------